# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 25 ta' Awwissu 2022**

**Kawza Numru: 17**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 522/2022 JVC**

**Louise Testaferrata De Noto (K.I. 305272M)**
**Brian Testaferrata De Noto (K.I. 255668M)**

**vs**

**Rosianne Attard (K.I. 279302L)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti Louise Testaferrata De Noto u Brian Testaferrata De Noto kkonfermaw bil-gurament u talbu kif isegwi:

1. ‘Illi r-rikorrenti jabitaw fil-fond numru 73 "Whooper Swan", St. Mary Street, Haz-Zabbar;

2. Illi dan il-fond huwa d-dar matrimonjali tar-rikorrenti wara li dan gie akkwistat permezz tal-att anness fl-atti tan-Nutar Carmelo Lia bhala donazzjoni lir-rikorrenti Louise Testaferrata De Noto nhar il-hdax (11) ta’ Frar tas-sena elf disa' mija tnejn u disghin (1992);

3. Illi r-rikorrenti ghandhom diversi ulied li huma lkoll maggorenni salv ghall-minuri Andre;

4. Illi f'dan il-fond ir-rikorrenti ppermettew lil binhom certu Gilbert Testaferrata de Noto jabita flimkien mas-siehba tieghu l-intimata Rosianne Attard;

5. Illi r-rikorrenti kienu qeghdin jippermettu lill-intimata Attard tghix fil-fond numru 73 "Whooper Swan", St. Mary Street Haz-Zabbar bil-beneplacitu taghhom b'mera tolleranza, u minghajr ebda titolu ta' kera u/jew titolu simili.

6. Illi r-rikorrenti jixtiequ li jergghu jiehdu l-pussess vakanti tal-proprjeta taghhom u ma tibqax ingumbrata b'Rosianne Attard u bl-oggetti taghha;

7. Illi r-rikorrenti talbu lill-konvenuta diversi drabi sabiex tirritorna l-pussess tal-fond lura;

8. Illi minkeJja dan, Rosianne Attard zammet ic-cwievet tal-fond tal-atturi u ghadha taccedi fil-fond imsemmi u baqghet izomm diversi oggetti mobbli taghha mill-fond.

9. Illi l-intimata ma ghandha ebda eccezzjonijiet validi fil-ligi u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddisponi mill-kawża bid-dispensa tas-smiegh ai termini ta' l-Artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

10. Illi r-rikorrenti jikkonfermaw li jafu dawn il-fatti personalment u jikkonfermahom bil-gurament.

11. Illi ghalhekk kellha issir il-kawza odjerna.

Ghaldaqstant tghid l-intimata prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi u kif dispensat mis-smigh tal-kawża a tenur tal-Artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tar-rikorrenti bid-dispensa tas-smigh tar-rikors ai termini tal-Artikoli 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Prevja dikjarazzjoni illi l-konvenuta qieghda tokkupa l-fond 73 "Whooper Swan", St. Mary Street Haz-Zabbar minghajr ebda titolu validu fil-ligi, tordna lill-istess konvenuta tizgombra u trodd il-pussess battal tal-istess fond, u dan entro terminu qasir u perentorju prefiss minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija minn issa ngunta in subizzjoni, u b' rizerva ghad-drittijiet kollha tar-rikorrenti inkluz ghad-danni sakemm il-konvenuta tirritorna l-pussess liberu u vakanti tal-fond.'.

Rat illi l-intimata debitament notifikata naqset milli tattendi ghas-seduta tallum;

Rat illi fil-verbal tallum stess, l-intimata giet dikjarata kontumaci;

Semghet ix-xiehda tar-rikorrenti li kkonfermat li l-proprjeta' indikata fil-kuntratt esebit a fol. 4 u 5 tal-process, u cioe' l-entrata bla numru bit-tarag li jaghti fuq garaxx kontigwu u l-arja kollha tal-istess garaxx bla numru wkoll fi Triq Santa Marija, Zabbar, kif ahjar deskritti fl-istess kuntratt, illum il-gurnata gew mibnija u jikkonsistu fil-proprjeta' 73, Whooper Swan, St Mary Street, Haz Zabbar u hija proprjeta' tar-rikorrenti u residenza tar-rikorrenti.

Rat illi fl-atti l-intimata ma' ressqet l-ebda oggezzjoni ghat-talbiet tar-rikorrenti li jsostnu li l-intimata m'ghandha l-ebda jedd fil-Ligi li tirrisjedi fil-post in kwistjoni;

Illi in vista ta' dak li hemm fl-atti u x-xiehda tar-rikorrenti tallum, il-Qorti tqis li t-talba tar-rikorrenti jisthoqqilha li tigi milqugha.

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi din il-kawza kif isegwi :

1. Tiddikjara l-ewwel talba sorvolata;

2. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara illi l-intimata Rosianne Attard qieghda tokkupa l-fond 73 "Whooper Swan", St. Mary Street Haz-Zabbar minghajr ebda titolu validu fil-ligi u tordna lill-istess intimata tizgombra u trodd il-pussess battal tal-istess fond, u dan fi zmien massimu ta' xahar millum.

Bl-ispejjez kollha kif mitluba kontra l-intimata.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**25 ta' Awwissu, 2022**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**25 ta' Awwissu, 2022**